MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 186/2007

**Talba Nru: 186/07PBC**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Carmen Bonnici ID 492052M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm951.15c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21234412.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm951.15c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------